**KUNSILL LOKALI NADUR**

# Minuti tal-ħamsa u għoxrin (25) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
## It-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2016, fil-5.15pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taz-Żagħżagħ |

1. **Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Minuti.**

Il-minuti tal-erbgħa u għoxrin u tlieta u għoxrin (Laqgħa b'Urġenza) (24 u 23) laqgħa, tat-Tlieta, 27 ta' Settembru u tat-Tlieta, 20 ta' Settembru 2016 rispettivament, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti:

**Punti fuq Minuti:**

- ***Arblu tad-Dawl f'Ta' Xħajma*** – Fuq talba tas-Sindku, is-Segretarja spjegat lil Kunsilliera li kellmet lil persuna li kellha l-incident f'din it-triq u li hu nfurmaha li għamel claim mal-insurance tiegħu fuq il-ħsara tal-bozza u l-arblu. Is-segretarja tkellmet mal-insurance tiegħu u bgħatitilhom stima tal-ħsara li irċeviet mingħand l-engineer ta' Galea and Curmi. L-insurance informat lis-segretarja biex din il-bozza titranġa minn naha tal-kunsill u imbagħad l-kunsill jirċievi *refund* fuqha.

- ***Rivista Ħidmietna f'Isimkom***- Is-Sindku nfurma lil Kunsilliera li din lesta u ser titqassam matul din il-ġimgħa. Ir-rivista ntbagħtet lil Kunsilliera kollha qabel marret għal printing.

- ***Stat Toroq Ċentrali*** – Is-sindku innota li ssewwiet biċċa minn Triq ta' Xħajma xi ħaga li l-Kunsill ilu jisħoq fuqha u toroq oħra arterjali li patching fuqhom baqa' ma sarx. Is-Sindku ssuggerixxa li għandha tintbgħat ittra lil Ministeru għal Ghawdex fejn il-Kunsill

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

jirringrazzjahom rigward Triq tax-Xħajma u jfakkar rigward it-toroq l-oħra. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar irreferiet ghall-ahhar ittra mibghutha mill-Kunsill dwar it-toroq centrali. Hi informat lil Kunsilliera li huwa obbligu li l-Kunsill jinforma lil Ministeru għal Għawdex fuq dawn it-toroq iżda kompliet tgħid li l-Kunsill irid iżomm f'moħħu li allovja triq arterjali l-Gvern ikun ġa għamel pjan ħolistu għal toroq oħra madwar Għawdex. l-Sindku innota li huwa l-obbligu tagħhom li xorta jsir patching. Il-kunsilliera Dr. Josianne Cutajar qablet mal-bzonn ta' manutenzjoni u innotat wkoll li f'dawn l-ahhar tliet snin saret Triq Dahlet Qorrot, xogholijiet fuq il-hajt ta' Triq Torri Sopu kif ukoll parti mit-Triq li tieħdok għar-Ramla; xoghlijiet li kienu ilhom pendenti snin. Is-Sindku rega fakkar li l-manutenzjoni hija obbligu kemm tal-Kunsill u anke tal-Ministeru skond it-triq taht min taqa' bhala responsabilita.

## 3. Korrispondenza:

(5628) Ċirkulari Numru 25/2016 dwar sejħa għall-offerti li jinkludi Aċċessibilita'

(5629) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Premju Anzjanita' Attiva

(5630) Ċirkulari Numru 26/2016 dwar Kampanja Pink October 2016

(5631) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern lokali dwar Forum Nazzjonali dwar l-Arkivji u Ġimgħa għal Għarfien dwar l-Arkivji 2016

(5632) Ittra mingħand Lawrence Borg fejn jirrilaxxa l-kuntratt ta' Ġnien il-Kunsill

(5633) Ittra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala konferma li rċievew l-ittra

(5634) PQ 27741

(5635) Ċirkulari Numru 27/2016 dwar Skema ta' Finanzjament: Proġetti Kapitali – Iffirmar ta' kuntratti

(5637) PQ 27742

(5638) E-mail mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar MOC Sports Awards 2016

(5639) Ċirkulari Numru 29/2016 dwar Struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali dwar Tilqim kontra l-Influwenza

(5640) Ċirkulari Numru 30/2016 dwar Ilmenti mressqa quddiem Servizz.Gov

(5641) Talba mill-mużew tas-subien għal għajnuna finanzjarja mill-kunsill biex jittellgħu xi attivitajiet tal-Milied

(5642) Ċirkulari Numru 28/2016 dwar Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt

(5643) Talba mingħand il-Malta Rabbit Club biex jieħdu sehem fl-attivitajiet tar-raħal u anke jagħtu sessjonijiet edukattivi. Il-Kunsill ser jitkellem magħhom rigward parteċipazzjoni fil-Wirja Agrarja.

(5644) Ċirkulari 54/2016 dwar laqgħa għas-Sindki u Vici-Sindki nhar is-Sibt, 5 ta' Novembru 2016

(5645) PQ 27868

(5646) PQ 27923

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.**

Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda. Il-Vici- sindku Eucharist Camillieri, il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat li hi u l-Kunsillier Micheal Camilleri ser jastjenu peress li għadu ma tlaqqax il-Kumitat tal-Finanzi u talbet biex jiltaqgħu. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud li hi c-Chairperson ta' dan il-Kumitat innotat li kien hemm laqgħa iffissata u Dr. Josianne Cutajar ma setgħetx tkun preżenti f'din id-data. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat lil Kunsill li kien ser ikun hemm is-sostitut tagħha il-Kunsillier Micheal Camilleri u jagħtiha update fuq li jkun ġie diskuss. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera preżenti li jekk ic-Chairperson taċċetta li jkun hemm sostitut hu mhux ser jiġi għal din il-laqgħa u dan ghalhiex hu ma ghandu l-ebda sostitut. Ic-Chairperson Dr. Rita Mifsud infurmat lil Kunsilliera li dan mhux aċċettabli u fair fuq il-membri l-oħra li jkollha sostitut u l-oħrajn le u dan meta l-laqgħa qed issir bi qbil minn qabel fuq data ma kulħadd. Ic-Chairperson Dr. Rita Mifsud kompliet tgħid li l-membri ġew magħżula fil-laqgħa tal-Kunsill u jridu jattendu huma u mhux sostitut floku. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar infurmat lil Kunsilliera li wara li waqt laqgha tal-Kunsill gie maqbul li hi kellha tinforma lill-Kunsill permezz t'emajl dwar min se jkun membru tal-Kumitat tal-Finanzi wara li titkellem ma' Michael Camilleri li kien skuzat minn dik il-laqgha, hi kienet infurmathom permezz t'emajl li hi kienet se tkun il-membru u Michael Camilleri jkun s-sostitut taghha. Hadd ma kien infurmaha li kien hemm oggezzjoni li jkollha sostitut sa qabel il-laqgha ta' llum. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud infurmata li qed tinformaha f'din il-laqgħa tal-Kunsill għax trid li kullħadd ikun preżenti u jerfa' r-responsabilita' u ħasset li għandu jkun hawn il-post li nitkellmu fuq is-sostitut. Is-Sindku innota li peress li l-Kunsilliera Dr. Josianne kienet hi stess li riedet dan il-Kumitat hi ma tistax ma tkunx prezenti. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat li huwa vera dan li hi qajjmet il-punt dwar il-Kumitat tal-Finanzi imma dan ghamlitu għal-ġid tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lil kunsill li hu jaħdem ħafna għal ġid tal-Kunsill u li l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għandha tiddeċiedi jekk tistax jew le tattendi u jekk tridux jew le dan il-Kumitat. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar infurmat li hi trid dan il-Kumitat għax kieku ma kienetx tqajjem dan il-punt. Is-Sindku innota li l-membri kollha ta' dan il-Kumitat għandhom ikunu preżenti u ma hemmx sostituti. Il-Viċi-sindku innota li l-membri kollha għandhom jattendu bħal kull laqgħa oħra tal-Kunsill. Ic-Chairperson Dr. Rita Mifsud innotat li trid tinstab *common date* għal kullħadd.

Is-Sindku staqsa lil Viċi-sindku Eucharist Camilleri jekk hu japprovax l-iskeda tal-pagamenti kollha tal-laqgħa numru 24 li ma kienx preżenti għal din il-laqgħa iżda li ntbgħatulu minn qabel il-laqgħa no. 24. Il-Viċi-sindku innota li hu ra l-lista tal-pagamenti tal-laqgħa numru 24 u japprova l-pagamenti kollha. Il-Vici-sindku ser jiffirma din l-iskeda ukoll.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 5. Administrative Report 2016

Is-Sindku infurma lil Kunsilliera li dan ir-rapport kien tard fis-sena għax is-Sindku tagħlab lil Accountant tarah sew u tassigura li l-figuri qegħdin sew u li kull ma hemm fih jagħmel sens. Is-Sindku kompla jgħid li ried ukoll li din is-sena ikollna proċess fejn il-quarterly reports ikunu quddiem il-Kunsill kemm jista' jkun malajr, kif proprju qed isir u fil-laqgħa ta' Novembru ser jigi diskuss dak ta' Lulju-Settembru 2016. Is-Sindku innota ukoll li issa dan ir-rapport amministrattiv ser ikun bażi għas-snin li ġejjin u allura minn sena oħra dan jista' joħroġ mal-ewwel wara l-awditjar tal-finanzi. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

## 6. Jum Il-Kunsill 2016

- 6 ta' Novembru – Blood Donation. Is-Sindku ħeġġeġ lil kulħadd biex jagħti d-demm f'din l-attivita'.

- 12 ta' Novembru- Ġieħ Nadur. Is-sindku infurma li intlaqgħet tajjeb ħafna l-għażla ta' Charlton Debono u dan xhieda li n-nies mhux sejha necessarjament iridu imma għażla għaqlija li tixraq. Il-Vici-Sindku Eucharist Camilleri innota li l-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq min għandu jkun magħżul għal dan il-premju. Is-Sindku innota ukoll li mal-programm tal-kunċert se ssir lista ta' min rebaħ dan l-unur u li l-Artisti ta' Żafferana ser jattendu ghal Kunċert ukoll.
- 14 ta' Novembru - Ftuħ tal-wirja. Is-Sindku staqsa rigward min għandu jiġi mistieden għal din il-wirja. Il-Vici-Sindku ssuggerixxa li tintbgħat stedina lil dawk l-artisti kollha li l-kultura għandha lista tagħhom. Is-Sindku informa li ser jagħti konferma l-Hon. Stefan Buontempo rigward il-preżenza tiegħu f'din il-wirja aktar il-quddiem u li ser ikun hemm żewg *pjanisti.*

- 17 ta' Novembru- Harġa Anzjani. Is-Sindku issuġerixxa li jmorru l-Mitħna tax-Xlendi, Quddiesa l-Munxar u wara jieklu x-Xlendi. Is-Sindku ssuġerixxa ukoll li l-prezz ikun sussidjat peress li din l-attivita' ser tkun Kulturali u marbuta mal-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill. Il-Kunsill qabel fuq dan kollu.

## 10. Halloween 2016

Is-Sindku innota li l-kamra tal-injam issa saritila s-saqaf ukoll minn Peter Paul Azzopardi u Rupert Grech, bl-għajnuna ta' Ivan Xuereb u Sammy Portelli. Hu kompla jgħid li din tista' tintuża ukoll għal Milied. Il-Vici-Sindku Eucharist Camillieri innota li hu ma jaqbilx li l-Kunsill jindaħal fit-trick or treat ħabba dati. Il-Sindku innota li hu kien tkellem mal-ġenituri li bdew din il-ħaġa u qalu li aħjar jiġi indikat il-ħin u l-program ħalli jkun jaf kulħadd, pero sena ohra ghandha tinhadem differenti. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li s-shelter u l-kamra ser jintramaw għal okkazjoni minn Josef Camilleri u li ser ikun hemm Jump Malta jipprovdu Animators, face painting u tattoos, Mad Scientist Laboratory, u Spooky Bowling Lane. Is-Sindku innota ukoll li Heineken ser ikunu qed jisponsorjaw it-tined għal okkażjoni u l-istage ser inġibuh b'xejn mingħand tal-kultura. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 11. Milied 2016

Is-Sindku informa li l-Kwotazzjoni tat-tiżjien tat-toroq ser toħrog bis-sistema e-tendering. Is-Sindku innota li s-Segretarju Eżekuttiv trid tkun it-Tendering coordinator ta' dan il-Process. Is-Sindku issuġġerixxa li l-opening staff ikunu l-iskrivana tal-Kunsill u Peter Muscat, l-Kumitat tal-Evalwazzjoni li jkun kompost minn 5 membri - Ic-Chairperson, 3 jivvutaw u Segretarju li ma jivvutax. Is-Sindku ssugerixxa li l-membri jkunu- Is-Sur Raymond Vella, Is-Sur Anton Said u Ines Buttigieg. Bħala Chairman ġie maqbul li jkun il-Viċi-Sindku Eucharist Camilleri u Segretarju s-Sur Paul Mercieca. Il-Kunsill qabel fuq il-membri kollha. Il-Kunsill imbaghad jieħu deċiżjoni wara li jirċievi r-rapport mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġerit li fejn ikun hemm bżonn persuna teknika tinħatar ukoll. Il-Kunsill qabel fuq dan.

Kien hemm qbil li jsir il-Kunċert tal-Milied tal-Mużew tas-Subien bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku innota li l-Open Christmas Market ser ikun fit- 8 ta' Dicembru u jkun hemm mużika fil-madwar minn Bjorn Vella. Is-Sindku ssuġerixxa li intbagħat ittra lil Għaqdiet tan-Nadur biex jipparteċipaw bla ħlas. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu.

## 12. Karnival 2017

Is-Sindku informa li jrid jibda l-proċess tal-kwotazzjonijiet tal-mobile toilets, tindif tat-toroq, PA system u dawl għal Karnival bis-sistema tal-e-tendering. Is-Sindku innota li l-Karnival Organizzat ser jinżamm fid-19 ta’ Frar 2017 u l-Karnival Spontanju ser jinżamm bejn l-24 u 28 ta’ Frar 2017. Is-Sindku innota ukoll li diġa' bdew jidħlu requests għal Karnival organizzat. Is-Sindku ssuġerixxa li d-desinn tal-poster u tal-momentum jerggħu jsiru minn artist min Nadur. Hu ssuġerixxa li jkun Adonai Camilleri Cauchi. Il-Kunsill qabel fuq dan kollu.

Kien hemm qbil ukoll li l-membri tas-Sotto Kumitat jibdew jiltaqgħu u li jinzammu l-istess membri.

Is-Sindku ssuġerixxa ukoll li jiġi mistieden is-Sindku ta' Żafferana għal Karnival. Il-Kunsilliera qablu fuq dan ukoll.

## 13. Open Skips ta' Xurdin

Is-Sindku innota li ntbagħtet ittra fid-djar kollha tan-Nadur u sa issa ma kellniex tgergir. Il-Bulky service żdied fl-aħħar ġimgħat. Is-Sindku informa li twaħħlet tabella fuq il-post ta' Xurdin biex tispjega lin-nies. Rigward sigurta' biex ma jintremix aktar żibel is-Sindku ssuġerixxa li jkun hemm ħaddiem tal-Kunsill bil-flyers jispjega lin-nies x'ser jiġri l-ewwel ġimgħa. Hu ssuġerixxa ukoll li jkun hemm surveljanza ta' warden ukoll. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġerit li jkun hemm monitoring ħdejn l-bins fejn l-iskola ukoll. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bins ta' San Blas li sar vandaliżmu fuqhom biex jerġgħu jitpoġġew oħrajn. Is-Segretarja ser terġgħa tagħmel kuntatt mal-Kumpanija Green MT fuq dawn.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 14. Manuntenzjoni ta' Gnien il-Kunsill

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Kuntrattur tal-manutenzjoni ta' Ġnien il-Kunsill bgħat ittra biex jittermina l-kuntratt. Is-Sindku innotta li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tintlaqa fid-dawl tal-fatt ta' dak li ġara fl-aħħar ġimgħat speċjalment fil-Wine Festival. Is-Sindku innota ukoll li bħal ma spjega lil Kunsilliera f'email, Joseph Cauchi li qabel kien jieħu ħsieb il-post għal ħafna snin, ġie imqabbad biex jibda jieħu ħsieb il-ġnien temporanjament sakemm il-kunsill jieħu deċiżjoni.

Is-Sindku ippropona li fid-dawl li l-offerti l-antiki ma kienux mimliha sew, irridu naħsbu għal tender ieħor bis-sistema l-ġdida, ikun ta' bażi għal tenders tas-snin li ġejjin, u jintagħżel f'Diċembru jew Jannar. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt mad-DLG rigward il-Memo no. 34/ 2015-Kuntratti dwar Latrini Pubblici qabel tinħareg din l-offerta. Is-Sindku sadanittant ippropona li Joseph Cauchi jibqa' jieħu ħsieb il-ġnien u ninfurmaw lid-Dipartiment b'dan kollu. Il-Kunsill qabel fuq dan kollu.

## 15. Affarijiet Oħra

i. ***Quotations Triq San Blas -*** Il-Kunsill qabel li bhalissa jieqaf kollox skond l-aħħar linji gwidi tad-DLG. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk jerggħa jinqala l-istess kaz jiġi awarded l-orħos offerta wara li jinforma lid-Dipartiment li jkun se jipprocedi b'dan il-mod.

ii. ***Photocopier l-antika-*** Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li din ma għadiex taħdim u talbet lil Kunsill biex tintrema. Il-Kunsill qabel fuq dan.

iii. ***Fixed Asset Register*** – Is-Sindku innota li l-Accountant qegħda taħdem fuq l-update tiegħu kif mitlub mil-Audit.

iv. ***Tender Planters*** **-** Is-Sindku nforma li din ser toħrog għal 10 planters kif hemm fuq il-pjanta għand il-Planning Authority. It-tender intbgħatet lil Kunsilliera kollha u l-istima tal-perit hija dik ta madwar 9,500ewro. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ser japplika għal Fondi mill-Urban Improvement Fund u li diga għandna konferma li nistgħu napplikaw. Is-Sindku innota li s-sigar u ħamrija jsiru b'direct order fuq parir tal-perit malli jaslu il-planters. Is-Sindku issugerixxa li jintuza l-istess bord ta' evalwazzjoni u fl-istess zmien.

v. ***Imwejjed u siggijiet fi Pjazza*** **San Pietru u San Pawl -** Il-Perit issottometta kollox kif rikjest mill-Planning Authority u anke disinn gdid wara li d-disinn originali ma giex milqugħ. Is-Sindku spjega l-kontijiet li baqa pendenti li huma ta' 37K ewro li rridu nagħtu fuq il-progett tal-pjazza. Irridu nirrifondu ukoll inqas minn 50K ewro lil ARPA. Is-Sindku kompla jgħid li il-Kunsill ma hu ser joħrog xejn għalihom għax gie iffirmat Kuntratt tal-Progetti Kapitali li ser nieħdu 40K ewro dis-sena u 50K ewro s-sena d-dieħla.

vi. ***Vaccination Flu*** **–** Is-Sindku innota li Francesca Mercieca ser tkun in-nurse tgħati din il-labra minflok Joseph Camilleri fl-assenza tiegħu.

vii. ***Panel tal-Mosaic*** **–** post biex tiġi inawgurata. Mary talbet jekk għandix issir mal-faċċata tal-kunsill. Il-kunsilliera qablu li naħsbu ftit aktar dwar dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

viii. ***Zafferana Ottubru 2016* –** Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jipprovdi trasport minn Nadur ghal-Airport u lura, iħallas tickets tal-vapur ta' dawk li ma għandhomx karta azjan jew free pass, u anke iħallas lunch għal grupp. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issugerit li l-Kunsill jara mad-DLG dwar il-ligi tal-gemilaggi u biex naraw li qegħdin fil-limitu. Is-Sindku innota li l-Kunsill irrid jagħti aktar importanza lir-relazzjonijiet internazzjonali u fuq gemellaggi li qed igawdu r-residenti minnhom, u dan proprju kif qabel l-istess kunsill fil-bidu tal-legislatura. . Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri innota li jekk hemm qbil bejn il-Kunsill hu bizzejjed. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar nnotat li jekk hemm fondi hi taqbel ukoll pero jkun ikun ahjar li naraw jekk hemmx xi linji gwida. Is-Sindku issugerixxa li għandu jinxtara rigal bhala Kunsill lil Kunsill tagħhom. Il-Kunsill qabel fuq dan ukoll u s-Segretarja Ezekuttiva u lil Kunsillier Micheal Camilleri ser jiehdu ħsieb jixtru dan ir-rigal.

ix. **Bozza Sqaq San Gakbu** - Is-Sindku innota li din ilha pendenti fuq sena u l-Kunsill xtara l-bozza u weħlet fil-post. Galea Curmi waħlu d-demarcation box ħdejn il-bozza izda Enemalta ma għaddewx il-wires. L-engineer qiegħed b'kuntatt ma' l-Enemalta fuq din l-issue. Il-Viċi Sindku issugerixxa li titwaħħal sistema solar. Is-Sindku ser jara fuq stima għal din is-sistema.

x. **Belvedere Cocco Palmeri –** Saret seduta tal-Bord tal-MEPA dwar applikazzjoni ta' Olympia Borg u ttiehed vot unanimu kontra l-izvilupp. Fl-Appell quddiem it-Tribunal tal-applikazzjoni ta' Andrew Vella dawn għandhom xahar cans jagħtu risposta għal dak li qalu l-objectors.

xi. **Requests-**

- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward l-kaz ta' l-art u l-belveder ta' Fatima. Is-Sindku innota li qed tieħu ħsieb in-Nutara Vella Magro fuq dan.
- Il-Kunsilliera għamlet sugeriment rigward il-bozza qawwija fi Triq ta' Said. Is-Sindku ser jitkellem mar-resident.
- Suggeriment mingħand Dr. Josianne Cutajar rigward bozza baxxa fi Triq il-Knisja. Is-Sindku innota li din il-bozza ga irraportata mar-Regjun għal Għawdex. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill baqalux stock ta' bozoz. Is-Sindku nforma li ma baqax.
- Ilment mingħand Dr.Josianne Cutajar rigward bankina miksura no. 96-97 fi Triq Bingemma.
- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat li l-bozoz tal-partita f'San Blas irridu jitrangaw. Hi kompliet tgħid li hemm bzonn ta' tabella slow driving hdejn il-Playing field habba safety u li hemm il-ħmieg il-qortin u ħaxix ħazin fil-Gnien. Is-Segretarja ser tinforma l-ħaddiema fuq il-knis u l-qtugħ tal-ħaxix. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat li hemm bzonn ta' bozza gdida ħdejn il- Gnien u playing field ta' San Blas. Gie diskuss jekk jistax issir xi sistema solari għal bozza. Il-Kunsilliera gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn resurfacing f'din l-area ukoll. Is-

Sindku innota li l-problema hi li m'hemmx fondi għal resurfacing, pero se jiġu ttekiljati l-issues l-oħra.

- Il-Vici Sindku nnota li hemm bzonn ta' kinsa f'Wied Bingemma. Is-Sindku ssugerixxa li tingabar kwotazzjoni għal magna tal-knis. Il-Kunsill qabel fuq dan. Il-Viċi Sindku gibet l-attenzjoni ukoll fuq il-ħajt tas-sejjieħ fit-triq Duru li jaghti ghat-triq u li waqa bl-ilma biex jitranga. Kien hemm qbil li dan jinbena mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill jirranga t-Triq li hemm maqlugħa minhabba bini gdid fi Triq Duru, permezz ta' Tarmak, u anke fi Triq il-Plier.
- Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud għamlet reminder rigward il-kuntratt tal-knisja man-Nutara Valerie Said.

## 16. Data għall-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fit 19.50p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016, fil-5.15 p.m. u Laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi nhar il-Hamis 10 ta' Novembru fl-5:30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |